# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 435/2022 ISB**

**Terence Cini**

**Vs**

**Avukat ta' l-Istat u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Terence Cini**, tad-19 ta' Awwissu 2022, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1) *TIDDIKJARA li dik il-parti ta' l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta li tipprekludi lill-Qorti fil-proċeduri Repubblika ta' Malta vs Terrence Cini (Att ta' akkuza numru 6/14) milli tikkonverti ruħha f'qorti tad-droga una volta li l-esponent hu akkużata bit-twettiq ta' reat li għalih hemm piena ta aktar minn seba snin priġunerija jilledi d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tar-*

*rikorrent partikolarment kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u*

2) *Konsegwentement TAGĦTI dak ir-rimedju xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, inkluż illi iddikjara illi l-fatt illi l-esponent hu akkużata bit-twettiq ta' reat li għalih hemm piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija m'għandux ikun ta' ostakolu sabiex ir-rikorrenti ikun jista juzufruwixxi minn dak li jipprovdi 1-Kap. 537 Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija);*

3) *TIDDIKJARA ulterjorment illi minħabba l-fatt illi d-droga ma ġiex miżmuma skond id-dettami tal-liġi u kif ukoll peress illi l-laboratorju fejn ġiet analiżata d-droga ezebita, mhux wieħed akkreditat filwaqt illi l-analizi fuqha saret minn persuna mhux akkrediata, ġew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta u kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzioni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement TAKKORDA dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi, u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xi opportuni.*

U dan wara illi ppermetta:

1. *Ili l-esponent ġie mressaq il-Qorti taħt arrest, u akkużat talli fid-disgħa (9) tá Ġunju, elfejn u ħdax (2011) u fix-xahrejn ta' qabel:*

   a) *Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f' dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jittraffika, jew ibiegħ id-droga (estasy) u jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;*

   b)*Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzioni speċjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Midiċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;*

*c) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblikka, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċini nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.*

*2. Illi ssusegwentent inħarget Att ta' Akkuza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta us Terrence Cini (Att ta' Akkuza Numru 6/14) u l-ġuri jinsab appuntat għas-sitta u għoxrin (26) ta' Settmbru 2022*

*3. Illi fil-mori tal-proċeduri, eżattament fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Gunju, 2011, l-allegata sustanza illeċita konsistenti f'madwar 1006 pillola ġiet ezebiti l-Qorti, mix-xjenzjat Godwin Sammut (a Fol 29 et seq tal-atti processwali) filwaqt li ezebixxa r-rapport tiegħu;*

*4. Illi jiġi rilavat illi bi ksur tad-dispożizzionijiet tal-Avviż Legali 121 tas-sena 2002, taħt il-Kodiċi Kriminali, is-sustanza konsistenti f'pilloli, ezebita l-Qorti, ma ġietx miżmuma fil-post indikat minn l-istess Avviż Legali, u cioe taħt il-kustodja tad-Direttur tas-Saħħa;*

*5. Illi minflok, l-pilloli eżebiti, inżammu taħt il-ħarsien tar-Reġistrat tal-Qrati, fl-edifizju tal-Qorti stess;*

*6. Illi di piu, l-esponent jirrileva ulterjorment illi is-sustanza, konsistenti fl-istess pilloli esebita f' dawn il-proċeduri, ġiet analiżżata mix-xjenzjat Godwin Sammut (Fol 29 et seq tal-atti processwli), ġo Laboratorju (ossia fil-Forensic Laboratory Services) mhux akkreditat, filwaqt li l-istess Xjenzjat x'aktar li ma kellu ebda accreditation speċifika huwa personalment, sabiex jeżegwixxi dawn l-istess testijiet;*

*7. Illi l-akkreditazzjoni ta laboratorju huwa proċess tekniku sabiex jiċċertifika li laboratorju jipproduċi riżultati affidabli u li wieħed jista jistrieħ fuqhom bħala evidenza u fin-nuqqas ta dan, tali evidenza m'għandiex tkun ammissibbli fi proċeduri penali;*

*8. Illi dawn il-fatturi huma ta' perikolu kbir u dan peress illi l-analiżi tas-sustanza, speċjalment meta hija determinanti fi proċeduri bħal ma se jkun mistenni jaffaċja r-rikorrenti, (fejn il-piena li*

*jġorru r-reati adebitati lilha huma dawk ta' l-għomor), għandu ċertament jkun garantit briżultanzi ċerti, inekwivoċi, attendibbli u faċilment verifikabbli;*

*9. Illi l-proċess ta akkreditar jinċidi fuq r-reliability of evidence, fejn fi proċess penali il-prosekuzzioni obbligata tilħaq grad ta' prova beyon reasonable doubt, u għaldaqstant, riżultati ta testijiet minn laboratorju mhux akkreditat, m'għandhomx ikunu ammissibli fi proċess penali, u f'każ li jkunu amessi jkun hemm ksur tad-dritt tal-esponent għal smiegħ xieraq;*

*10. Illi għalhekk dan il-proċess ta akkreditament doppju, huwa assolutament neċessarju stante illi b'dan il-mezz biss jista jkun hemm serħan tal-moħħ, kemm għal min qiegħed jiġġudika u kemm ghal l-akkużat, u cioe illi l-proeċss sħiħ konsistenti fost oħrajn fi ġbir, analiżi, t-testijiet, u l-proċeduri oħra kollha illi saru fuq isħ-sustanza allegatament droga, ġew eżegwiti b'mod tajjeb, korett, preċiż u professjonali.*

*11. Illi dan ma jista qatt isir f'labaratorju illi mhux akkreditat, aktar u aktar meta l-persuna li tkun eżewiet l-analiżi ma tkunx persuna akkreditata;*

*12. Illi għaldaqstant jeżisti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*13. Illi wkoll, waqt il-kumpilazzjoni ta' dawn il-proċeduri rriżulta illi l-esponent għandu dipendenza medika fuq id-droga kokaina u li qed jagħmel l-almu tiegħu biex joħrog minn din il-problema, u dan kif irriżulta minn xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri u minn dik ta' Mary Rose Farrugia, mill-Probation & Parole;*

*14. Illi l-esponent jixtieq illi jitlob li l-Qorti tikkonverti ruħha f'qorti tad-droga skont l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*15. Illi, però, l-artikolu 8 jimpedixxi lill-Qorti Kriminali fi stadju tal-ġuri, milli tikkonverti ruħha f'Qorti tad-drogi peress illi l-piena li jista jeħel l-esponent taqbeż is-sebgħa (7) snin priġunerija;*

*16. Illi, l-esponent jagħmel ampja referenza għas-sentenza fl-ismijiet Reuben Micallef v.Avukat tal-Istat et. Rikors Kostituzzjonali nru: 484/21 JVC tá 28/06/2022 fejn, il-Qorti deċidiet illi l-artikolu citat f' dik il-parti fejn tgħid "jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn*

*seba' snin prigunerija""jilledi d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tar-rikorrent partikolarment il-jeda għall-presunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent kif sanċit fl-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (2) tal-Konvenzioni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem".*

*17. Illi dawk iċ-ċirkostanzi fil-kawża fuq ċitata ta' Reuben Micallef huma prattikament identiċi għaċ-ċirkostanzi ta' l-esponent.*

Rat id-digriet tagħha, kif diversament preseduta, tal-24 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu l-kawza kienet appuntata għat-8 ta' Novembru 2022;

Rat ir-**risposta** tal-intimati l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** intavolata fl-24 ta' Ottubru 2022 (fol 7) li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi din it-tweġiba qiegħda ssir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-24 t' Awwissu 2022, li ġie nnotifikat lilhom flimkien mar-rikors promotur nhar is-7 t' Ottubru 2022 bi żmien għoxrin jum għar-risposta;*

2. *Fir-rikors kostituzzjonali odjern, Cini qiegħed isostni li huwa qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kif imħares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Huwa jisħaq li madwar 1006 pillola ecstasy ma ġewx miżmuma skont id-detami tal-Liġi fil-proċeduri kriminali (Att t'Akkuża 6/2014). Jallega li l-laboratorju fejn ġiet analiżata d-droga m'huwiex akkreditat, u li l-analiżi saret minn persuna mhux akkreditata. Jgħid li l-**artikolu 8 ta' l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), il-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprekludi lill-Qorti fil-proċeduri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Terrence Cini [Att t'Akkuża 6/14] milli tikkonverti ruħha f'qorti tad-droga minħabba t-tul ta' priġunerija li l-pieni abbinati mar-reati addebitati lilu, jġorru magħhom;*

3. *Bħala rimedju għal din l-allegata leżjoni kostituzzjonali / konvenzjonali, r-rikorrent qiegħed jippretendi (i) li jieħu dikjarazzjoni ġudizzjarja li qed isofri minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea u (ii) li jingħata rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;*

4. *Illi l-intimati qegħdin jirrispinġu dawn l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet marbutin magħhom stante illi tali allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fil-frattemp qegħdin iressqu dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin b'rabta mal-ilment sopraċitat:*

5. *Illi l-**Avviż Legali 121 tal-2002** u l-**artikoli 667, 668 u 669 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** jiddeterminaw il-post fejn droga illeċita li trid tiġi preżentata bi prova għandha tinżamm. Fil-każ odjern, kif se jiġi pruvat matul is-smigħ ta' din il-kawża, ma kien hemm xejn irregolari li seta' b'xi mod jinċidi fuq id-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent;*

6. *Illi rigward il-fitness and properness tal-Ispiżjar Godwin Sammut, l-esponenti jeċepixxu illi jinkombi fuq ir-rikorrent sabiex juri kif dan l-espert tal-Qorti kwalifikat, u ta' esperjenza estensiva, b'xogħolu rifes fuq id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq;*

7. *Illi fil-każ odjern, jekk ir-rikorrent ħass li kien hemm nuqqas jew nuqqasijiet fiċ-chain of custody ta' xi prova jew provi fil-każ tiegħu, huwa kellu kull opportunita' li jilmenta dwar dan matul il-kumpilazzjoni. Kellu wkoll kull opportunita' li jqajjem eċċezzjoni preliminari quddiem il-Qorti Kriminali, pero' għar-raġunijiet li jaf huwa biss, għażel li ma jagħmilx dan. Issa, lejliet iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri – li skont hu kellu jiġi ċċelebrat nhar is-26 ta' Settembru 2022 - qiegħed iqajjem tali lanjanza quddiem il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali). Ir-rikorrent ma jistax kredibilment jargumenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie jew sejjer jiġi leż, issa, meta huwa stess ma użufruwixxiex ruħu mill-opportunitajiet li kellu;*

8. *Illi għal kuntrarju ta' dak li r-rikorrent qiegħed jallega, m'hemm l-ebda obbligu legali fuq l-Istat Malti sabiex ikun hawn laboratorju akkreditat għall-analiżi tad-droga;*

9. *Illi l-Qrati ta' kompetenza Kriminali taw diversi digrieti f'dan ir-rigward. Il-Qorti Kriminali ukoll ippronunzjat ruħha fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Miculescu Tiberiu-Mihail, Bill of Indictment 21/2021**, fejn lanjanzi simili għal dawk li qegħdin jitqajjmu fil-kawża odjerna ġew preżentati quddiem il-Qorti Kriminali bħala eċċezzjonijiet preliminari. Dawn l-eċċezzjonijiet ma ntlaqawx, u għalhekk l-oġġett tal-prova ma ġiex sfilzat mill-atti proċesswali;*

10. *Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ukoll ma akkoljitx raġunament identiku għal dak li qiegħed jippreżenta r-rikorrent fil-każ odjern. Referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet* ***Christopher Bartolo vs Avukat tal-Istat****, tat-22 ta' Ġunju 2021 fejn Bartolo kien allega li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kien leż minħabba n-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn ġiet annaliżata d-droga mill-Ispiżjar Godwin Sammut;*

11. *Illi l-***Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta*** ġie ntrodott fis-sena 2015 bil-ħsieb li jagħti l-possibilita' li imputat / akkużat jew appellant fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali jitlob lill-Qorti li tkun qed tisma' l-każ tiegħu sabiex tiġi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga. Kjarament din il-liġi ma tapplikax għal kullħadd, għax l-artikoli 13 u 8 ta' dan l-istess Att jispeċifikaw il-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex Qorti penali tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga;*

12. *Illi fost dawn il-kriterji, l-***artikolu 8 (1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta*** jispeċifika illi, reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantita' ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantita' ta' droga li tindika li persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga;*

13. *Illi fil-każ odjern r-rikorrent huwa akkużat b'reati li jemanu mil-liġijiet dwar id-droga u li l-kwantita' ta' droga projbita taqbeż il-kwantita' tad-droga elenkata fil-Linji Gwida u l-piena ta' għomor il-ħabs li r-reati addebitati lill-akkużat jġorru magħhom tagħhom teċċedi sew ferm is-seba' (7) snin priġunerija. Għaldaqstant il-Qorti Kriminali ma tistax tilqa' talba biex ikun hemm konverżjoni tal-Qorti Kriminali għal Qorti dwar id-Droga;*

14. *Illi donnu r-rikorrent qed jallega li t-threshold tal-kwantita' ta' droga u t-threshold tal-piena seba' (7) snin għandhom jitneħħew. Fil-fehma tiegħu din id-distinzjoni qed twassal għal leżjoni ta' smigħ xieraq. L-esponenti ma jaqblux. Din il-liġi hija maħsuba biex tiġi utilizzata minn persuni dipendenti mid-droga. Il-leġislatur għażel li joħloq threshold biex mhux kwalunkwe persuna akkużata bi kwalunkwe reat tipprova tibbenifika minn din il-liġi minflok ma tiskonta sentenza ta' priġunerija!;*

15. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja**, l-esponenti jirrilevaw illi l-ebda subinċiż ta' dan l-istess artikolu ma ġie speċifikat mir-rikorrent u dan propju għaliex l-argument tiegħu ma jistax jallaċja ruħu ma' l-ebda parti ta' dan l-artikolu. L-Istat għandu kull jedd li jgħaddi l-liġijiet u jagħmel distinzjoni bejn reati u oħra. Il-kriterju tal-kwantita' tad-droga u l-kriterju tal-ammont tal-piena ta' mhux aktar minn seba' (7) snin priġunerija, mhumiex fihom innifshom leżivi tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent;*

16. *Illi fl-eventwalità li l-allegata leżjoni tieħu l-forma ta' nuqqas ta' aċċess għal qorti, l-esponenti jeċepixxu illi dan l-argument huwa nfondat. Il-fatt illi l-Qorti Kriminali ma tistax tikkonverti ruħha għal Qorti dwar id-Droga ma jfissirx illi r-rikorrent sofra jew qiegħed isofri nuqqas t'aċċess għal qorti! Dan id-dritt ma huwiex wieħed assolut. Illi kif il-**<u>Qorti Kostituzzjonali</u>** hekk kif preseduta **mill-Prim Imħallef Mark Chetcuti, l-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u l-Onor. Imħallef Anthony Ellul** osservat ben tajjeb, nhar il-**<u>31 t'Awwissu 2021</u>**, fl-ismijiet:*

*'**Il-Pulizija v. Andre Falzon u Sean Farruġia**' –*

*Il-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni meta jiġi biex jintroduċi liġijiet innovativi bħal din f'qasam tant delikat. **Il-fatt li l-appell tal-appellant m'huwiex ser jiġi determinat mill-Qorti dwar id-Droga ma jfissirx li ser jiġi leż id-dritt tal-appellant għall-aċċess tal-qorti taħt l-Art. 39 tal-Konstituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni**.*

17. *Illi kien preċiżament għaliex l-leġislatur uża d-diskrezzjoni tiegħu fit-tfassil tal-liġi li l-artikolu in kwistjoni huwa applikabbli f'ċerti sitwazzjonijiet u mhux oħrajn. Il-kriterji fl-**artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux***

***Priġunerija)** għandhom għan leġittimu u huma: oġġettivi, prevedibbli, u jħarsu id-drittijiet fundamentali kemm tal-akkużat u kif ukoll l-interessi tas-soċjetà;*

*18. Illi ladarba ma hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrent m'humiex mistħoqqa;*

*19. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2023, xehdet **Marika Mifsud għar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali** u ppreżentat rikors (Dok MM1, fol 21 sa fol 24) u kopja tal-atti (Dok MM2,fol 25 sa fol 487), kif ukoll **Francis Farrugia in rappreżentanza tal-Istandards & Metrology Institute**, ilkoll prodotti mir-rikorrent;

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2023 xehed **Julian Borg**;

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023, id-difensur tar-rikorrent iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali estensiva tal-intimati;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2024, il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent jikkontendi li huwa sofra leżjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante li l-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreklludi lil-Qorti fil-proċeduri **Repubblika ta' Malta vs Terrence Cini** (Att ta' Akkuża numru 6/14) milli tikkonverti ruħha f'qorti tad-droga la darba r-rikorrent hu akkużat bit-twettieq ta' reat li għalih hemm piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija.

Jispjega li r-rikorrent kien ġie mressaq taħt arrest u akkużat bi traffikar u pussess tad-droga u nħareġ l-Att ta' Akkuża relatat u l-ġuri kien appuntat għas-26 ta' Settembru 2022. Jgħid li fil-mori tal-proċeduri u ċioe' fit-23 ta' Ġunju 2011, l-allegata sustanza lleċita ġiet esebita fil-Qorti mix-xjenzat Godwin Sammut, iżda jsostni li din ma ġietx miżmuma ai termini tal-Avviż Legali 121 tas-sena 2002 u oltre' minn hekk jikkontendi li s-sustanza ġiet eżaminata f'laboratorju mhux akkreditat. Isostni li in vista tal-proċeduri li mistenni jaffaċja r-rikorrent, dan għandu jkun proċess garantit b'riżultanzi

ċerti, inekwivoċi, attendibbli u faċilment verifikabbli. In-nuqqas ta' dan iwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent.

Oltre' minn hekk, jikkontendi li r-rikorrent għandu problema ta' dipendenza fuq id-droga, liema problema qed jagħmel l-almu tiegħu biex jegħleb u għalhekk jixtieq jitlob li l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti tad-droga skont l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkontendi li l-istess artikolu jimpedixxi lil Qorti Kriminali fi stadju ta' ġuri milli tikkonverti ruħha f'Qorti tad-droga peress illi l-piena li jista' jeħel ir-rikorrent taqbeż is-seba' (7) snin priġunerija. Jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Reuben Micallef vs Avukat tal-Istat et** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-28 ta' Ġunju 2022 u li sabet li l-imsemmi artikolu jilledi d-dritt fundamental tas-smigħ xieraq tar-rikorrent.

Fix-xhieda tagħha, **Marika Mifsud għar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali,** ippreżentat kopja tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu, **Francis Farrugia in rappreżentanza ta' Standards & Metrology Institute** jgħid li l-awtorita' li tagħti *accreditations* hija n-National Accreditation Board Malta, li għandha reġistru ta' kull min hu reġistrat.

Mistoqsi dwar Gordon Sammut, jgħid li l-NAB Malta tista' tagħti l-aħjar informazzjoni iżda sa fejn jaf hu mhuwiex akkreditat. Dan qed jgħidu mill-informazzjoni personali tiegħu.

Jispjega li l-laboratorju huwa *testing* għal min irid ikun akkreditat u meta wieħed ikollu *status* ta' akkreditat din tfisser li huwa qed jimxi mal-aħjar prattiċi internazzjonali ta' kif għandhom isiru t-testijiet. Jgħid li l-akkreditazzjoni mbagħad toħroġ minn NAB Malta, mentri huma joffru faċilitajiet ta' ittestjar għal min jitlob.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom l-intimati **l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** jikkontendu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Isostnu li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jilmenta dwar l-allegazzjonijiet tiegħu f'din il-proċedura matul il-kumpilazzjoni, iżda naqas milli jagħmel dan. Jgħid li la darba r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju ordinarju sabiex iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti appożita, mela allura din il-Qorti

għandha tiddeklina milli tiddeċiedi l-każ stante li l-azzjoni hija għal kollox intempestiva.

In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Ramon Fenech vs Avukat tal-Istat** deċiża fit-28 ta' Ottubru 2022, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat et** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021.

Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li dan l-artikolu jistabilixxi essenzjalment ħames rekwiżit għaliex persuna li tkun mixlija b'reat tista' tkun eleġibbli sabiex tiġi pproċessata minn Qorti dwar id-Droga u ċioe:

i. Il-persuna akkużata tkun mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' (7) snin priġunerija;
ii. L-ammont ta' droga ma jkunx jeċċeddi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba' Skeda għal Kapitolu 101 jew 31 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii. Ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment għad-dipendenza tal-persuna akkużata fuq id-droga
iv. Illi l-persuna ma tkunx mixlija b'reat voluntarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kien fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv
v. Irid jiġi ppruvat li jeżistu raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi rijabbilitata mid-dipendenza tagħha fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinħeles minn din id-dipendenza

Jirreferu partikolarment għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andre Falzon et** deċiża fil-31 ta' Awwissu 2021 kif ukoll d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **Wayne Delia vs l-Avukat tal-Istat** deċiża fit-12 ta' Ottubru 2023. Isostnu li r-rikorrent xorta ħa jingħata l-opportunita' kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel quddiem Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi u xorta hemm il-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenża u għalhekk m'hemm ebda ksur tad-drittijiet sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-akkreditament tal-Laboratorji Forensiċi jgħidu li r-rikorrent irid mhux biss jipprova li hemm nuqqasijiet iżda wkoll li dawn iwasslu għal vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu. Isostnu li r-rikorrent għandu l-għodda kollha permissibli mil-liġi sabiex jikkontesta l-konklużjonijiet tal-espert u dawn id-drittijiet ma ġew bl-ebda mod preġudikati jew mittiefsa. Jikkontendi li r-rikorrent qatt m'oġġezzjona la dwar il-ħatra ta' Dr Godwin Sammut mill-Maġistrat Inkwirenti u lanqas dwar il-fatt jekk is-sustanza effettivament biex droga jew le. Oltre' minn hekk, isostnu li minn imkien ma jirriżulta li sabiex

jespleta l-inkarigu tiegħu kien jeħtieġ laboratorju akkreditat – dan ir-rekwiżit japplika biss għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi profil tad-DNA u Data dattiloskopika.

Isostnu li l-protezzjonijiet li jaħsbu għalihom l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa salvagwardji u garanziji proċedurali fil-kors tal-proċediment penali u mhux li tevalwa mill-ġdid deċiżjonijiet ta' qrati oħra. Jgħidu li fil-każ odjern kienet għażla tar-rikorrent li ma jikkontestax il-ħatra tal-espert u l-laboratorju u seta' wkoll ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti appożita, iżda minflok qabad u ressaq azzjoni straordinarja biex itawwal iż-żmien.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet li kienu interessati jagħmlulhom għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

**<u>Eċċezzjoni li dwar in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju</u>**

L-intimati Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali permezz tas-seba' eċċezzjoni tagħhom jeċċepixxu li jekk ir-rikorrent ħass li kien hemm nuqqas jew nuqqasijiet fiċ-*chain of custody* ta' xi prova jew provi kellu kull opportunita' li jilmenta dwar dan matul il-kumpilazzjoni.

Fis-sottomissjonijiet tagħhom imbagħad jgħidu li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jilmenta dwar l-allegazzjonijiet tiegħu f'din il-proċedura matul il-kumpilazzjoni, iżda naqas milli jagħmel dan. Jgħidu li ladarba r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju ordinarju sabiex iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti appożita, mela allura din il-Qorti għandha tiddeklina milli tiddeċiedi l-każ stante li l-azzjoni hija għal kollox intempestiva.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Filwaqt li l-proviso għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjonioriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekktagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 201314 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[1] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[2]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[3]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[4]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[5].

[1] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[2] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[3] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995

[4] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[5] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnu.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[6]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Ir-rikorrent jilmenta u jibbaża l-lanjanza tiegħu fuq żewġ binarji u ċioe:

(i) Illi l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq għax ma jagħtix il-possibilita' li l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti tad-Droga la darba hemm piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija jew li l-ammont ta' droga preskritt jiġi eċċedit, u

(ii) Illi bil-fatt li d-droga ma ġietx miżmuma skont id-dettami tal-liġi u ma ġietx analizzata minn persuna u f'laboratorju akkreditat jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq tal-istess rikorrent.

Għalhekk din il-Qorti jeħtieġ li tanalizza jekk r-rikorrent kellux rimedju li jitqies aċċessibli, xieraq, effettiv u effikaċi fir-rigward taż-żewġ binarji.

- <u>L-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta</u>

Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimati jargumentaw li r-rikorrent naqas milli jitlob il-konverżjoni tal-Qorti u filfatt lanqas intavola r-rikors appożitu biex isir dan.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrent ma ressaq ebda prova u ebda sottomissjoni sabiex jiġġustifika għaliex għażel propju li jintavola dawn il-proċeduri.

Madanakollu, din il-Qorti ċertament ma tqisx l-intavolar ta' tali ir-rikors bħala rimedju għall-lanjanzi tar-rikorrent hawnhekk imressqa. Ir-rikorrent permezz tal-azzjoni tiegħu hawnhekk mhuwiex qed jattakka l-operat tal-artikolu iżda l-artikolu nnifsu u b'hekk din il-Qorti tqis li m'hemm ebda rimedju ordinarju li

---
[6] Rik 40/10

seta' jew jista' jeżamina l-kompatabilita' tal-istess artikolu mad-drittijiet sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għajr l-azzjoni odjerna.

**Għalhekk sa fejn hu kkonċernat l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent, din il-Qorti ser tkun qed tiċħad din l-eċċezzjoni tal-intimati.**

- Il-fatt li d-droga ma ġietx miżmuma skont id-dettami tal-liġi u ma ġietx analizzata minn persuna u f'laboratorju akkreditat

F'dan ir-rigward, l-intimati jsostnu li r-rikorrent kellu kull opportunita' u għad għandu kull opportunita' li jattakka r-rapport tal-ispiżjar Dr Godwin Sammut fil-proċeduri kriminali stess u ma kellux għalhekk għalfejn imur għall-azzjoni straordinarja biex jagħmel propju dan.

Jenfasizzaw li matul il-kumpilazzjoni kollha, ir-rikorrent fl-ebda istanza ma kkritika jew b'xi mod pprova jiddiskredita l-istess rapport.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrent ma ressaq ebda prova u ebda sottomissjoni sabiex jiġġustifika għaliex irrikorra propju għal din l-azzjoni u kif jirriżulta anke mill-atti esebiti, li din il-Qorti kellha l-opportunita' tifli, qatt qabel ma ntavola r-rikors odjern ma ilmenta dwar din il-materja. Anzi, mill-atti, tosserva din il-Qorti, jirriżulta illi l-partijiet kienu viċin patteġġjament.

Din il-Qorti tagħmilha ċara li, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, mhix Qorti ta' appell tat-tielet grad u għalhekk bl-ebda mod mhi ser tkun qed tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-fatti li diġa' ddeċidew dwarhom il-Qrati Kriminali fil-ġudizzju tagħhom, iżda tillimita ruħha sabiex tagħmel skrutinju tal-istess proċeduri sabiex teżamina u tiddeċiedi jekk matul l-istess proċeduri d-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew mħarsa. Il-Qorti tfakkar li jekk kemm-il darba hi tmur lil hinn minn dan tkun hi stess li tkun qed tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali vis-a-vis deċiżjoni li għaddiet in ġudikat.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Agrokompleks vs Ukraine** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2011 fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> *"148. The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal*

*in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination"*

Il-Qorti tirrimarka wkoll li la l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jagħtu xi dritt lill-parti leża li jkollha rimedju disponibbli quddiem qorti tat-tielet grad, wara li l-każ ikun għadda mill-għarbiel tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi din l-konsiderazzjoni kienet diġa' saret fil-kawża **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Ottubru 2014, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"L-artikoli 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal- Appell Kriminali. Ċertament li f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina jekk il-piena li ngħata r-rikorrent kenitx ġusta jew kellhiex tnaqqas il-piena. Dak kien l-eżerċizzju tad-doppio esame li kellu jsir.... M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistħarreġ il- konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali."*

*" Illi t-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija - cioe din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi* ***kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive".***

Għalhekk il-Qorti tfakkar li l-kompitu tagħha huwa li teżamina jekk id-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ kif sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġewx mittiefsa.

F'dan il-każ, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tagħmel skrutinju dwar provi miġjuba mill-prosekuzzjoni fuq punt li qatt ma tqajjem. Ċertament li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tagħmel dan. Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti kieku l-punt tqajjem quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-istess Qorti, per eżempju, irrifjutat li tikkunsidrah. Oltre' minn hekk, ladarba l-proċeduri għadhom pendenti, ir-rikorrent għad għandu ċ-ċans li jagħmel l-ilment tiegħu u tkun il-Qorti ta' Kompetenza Kriminali li tagħrbel u tiddeċiedi dwaru u jekk kemm-il darba r-rikorrent jerġa' ma jaqbilx mal-konklużjoni ta' dik il-Qorti imbagħad ikollu wkoll dritt ta' appell.

Il-Qorti tosserva d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Nicholas Vella v l-Avukat Ġenerali** deċiża fil-25 ta' Ottubru 2023 fejn il-Qorti qalet:

> *10. L-ilment tar-rikorrent dwar l-analiżi li saret f'laboratrju mhux akkreditat,* ***hi materja li għandha tiġi trattata u deċiża fil-proċeduri kriminali.*** *Mir-rikors promotur hu ċar li l-ilment tar-rikorrent kien li skont il liġi Maltija, il-laboratorju fejn saret l-analiżi kellu jkun akkreditat. Kwistjonijiet dwar ammissibilità ta' provi għandhom jitressqu u jiġu deċiżi mill-Qorti li ser tiddeċiedi l-meritu tal-każ, f'dan il-każ il-Qorti Kriminali. Illum il-ġurnata saru jfaqsu kawżi b'ilmenti simili meta l-proċeduri kriminali jkunu għadhom pendenti. Dan qiegħed iwassal għal ħafna telf ta' żmien bla bżonn.*
>
> *11. F'kull każ il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.31 (Ordni dwar l Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi Li Jwettqu Attivitajiet tal Laboratorji) tagħmilha ċara li tapplika fil-każ ta' attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi profil tad-DNA u data dattiloskopika (ara tifsira f'regolament 3). L-inkarigu li ngħata lill-espert tal-Qorti ma kellu x'jaqsam xejn ma' dawk l-attivitajiet. Il-Qorti żżid li l-fatt waħdu li l-laboratorju li fih saret l analiżi m'huwiex akkreditat, ma jfissirx awtomatikament li l-prova hi kontaminata.*
>
> *12. Fl-appell ir-rikorrent argumenta li n-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal laboratorju jwassal sabiex il-prova mhijiex attendibbli. Żied li dan in nuqqas jolqot il-prinċipju bażiku li l-prosekuzzjoni għandha tressaq l-aqwa prova, sabiex tkun waħda relevanti u attendibbli.* ***Dawk huma argumenti li d-difiża trid tagħmel fil-ġuri u eventwalment f'appell f'każ li l-akkużat jinstab ħati tal-akkużi, u mhux f'kawża ta' din ix-xorta. Dan apparti li l espert ser jixhed fil-ġuri u d-difiża ser ikollha l-opportunità tagħmillu kontro-eżami bil-għan li tikkonvinċi lil min irid jiddeċiedi li l-analiżi u r rapport li saru m'humiex provi li tista' tistrieħ fuqhom. Kieku riedet id difiża kellha l-opportunità li tinkludi fil-lista tax-xhieda tagħha persuni tekniċi midħla tal-akkreditazzjoni ta' laboratorji, biex tikkonvinċi lil min irid jiddeċiedi dwar in-nuqqas ta' attendibilità tal-prova teknika li ressqet il prosekuzzjoni.***

**Konsegwentament, m'hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li t-talba f'dan ir-rigward tar-rikorrent, u ċioe' it-tielet talba tiegħu, hija waħda ntempestiva u li ma jimmeritax li din il-Qorti tikkunsidraha.**

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-intimati limitatament fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent, li konsegwentament ser tiġi miċħuda u tiċħad l-istess eċċezzjoni fil-kumplament.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent mhux qed jiġi mogħti smigħ xieraq bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante li l-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq għax ma jagħtix il-possibilita' li l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti tad-Droga ladarba hemm piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija jew li l-ammont ta' droga preskritt jiġi eċċedit.

L-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwagħandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħxieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti uimparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunalindipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandhatingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetàdemokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożamentmeħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċitàtista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijietminimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontratiegħu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjonitad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali,din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontratiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhiedafavur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhiedakontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

Filwaqt li l-**Artikoli 8(1) tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta**, jipprovdi s-segwenti:

*8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kullxhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon et** deċiża fil-31 ta' Awissu 2021, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*11. Bil-mod li jirraġuna l-appellant ikun ifisser li l-kriterju tal-ammont tad-droga nvoluta f'dawn it-tip ta' reati, għandu jitneħħa għal kollox. Pero` din hi materja ta' diskrezzjoni tal-leġislatur għal dak li jikkonċerna policy penali, għalkemm hemm argumenti favur u kontra. Il-leġislatur għażel li jinkludi bħala threshold massimu ta' ammont ta' droga li tkun involuta fil każ sabiex l-akkużat ikun jista'*

*jibbenefika minn dik il-proċedura speċjali quddiem Qorti dwar id-Droga.*

*12. Il-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni meta jiġi biex jintroduċi liġijiet innovativi bħal din f'qasam tant delikat. Il-fatt li l-appell tal-appellant m'huwiex ser jiġi determinat mill-Qorti dwar id-Droga ma jfissirx li ser jiġi leż id-dritt tal-appellant għall-aċċess tal-qorti, taħt l-Art. 39 tal Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.*

*Ommiss*

*15. L-appellant għandu aċċess għall-qorti tant li ppropona appell mis sentenza tal-ewwel Qorti li għadu sub judice. Hu veru li talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga taht id disposizzjonijiet tal-Kap. 537 u t-talba ġiet miċħuda minħabba l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ in eżami. Madankollu l-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni fil-kriterji li hemm bżonn skont il-liġi sabiex akkużat igawdi mill-benefiċċji li jista' jkun intitolat għalihom taħt Kap. 537. Wara kollox apparti l-interess tal-privat, f'dawn il-każijiet hemm ukoll l-interess pubbliku.*

*16. Evidenti li għal dawn it-tip ta' każijiet ittieħdet deċiżjoni li jiġi stabbilit limitu għal dak li jirrigwarda l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ, peress li l-leġislatur irraġuna li iktar ma tkun il-kwantita` ta' droga nvoluta, iktar hu serju l-każ u l-akkużat m'għandux ikun intitolat li jieħu benefiċċju li l-każ tiegħu jinstema u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. F'dan ir-rigward ried jillimita l-każijiet fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna li l-każ ikun deċiż minn dik il-qorti speċjali.*

*17. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dik il-posizzjoni. Pero` il Qorti tqis li taqa' fid-diskrezzjoni tal-leġislatur li jimponi dak il-massimu ta' piż ta' droga li għandha tkun involuta sabiex akkużat jieħu benefiċċju li l każ ikun ikkunsidrat u deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. Evidenti li l leġislatur f'dan ir-rigward ipprova jżomm bilanċ meta tqis is-serjeta` tar reati konnessi mad-droga u l-ħsara kbira li tikkawża fis-soċjeta`. Dan ovvjament qiegħed jingħad b'referenza għall-ilment li għandha quddiemha l-ewwel Qorti, u li jirreferi għad-dritt tal-appellant li jkollu aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Tliet mitt (300) gramma, droga irrispettivament mit-tip li tkun, hu wkoll ammont konsiderevoli.*

*Dan ma kienx xi każ fejn kien hemm involut formaliżmu eċċessiv li ssemma fil-każ* ***Zubac v. Croatia*** *(applikazzjoni numru 40160/12) tal-5 ta' April 2018. Każ li rrefera għalih ir-rikorrent*

*f'paragrafu 20 tar-rikors tal-appell. Anzi f'dik is-sentenza l-Qorti qalet:*

*"78. However, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State, which regulation may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals (see Stanev v. Bulgaria [GC], no. 36760/06, § 230, ECHR 2012). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court, it is no part of the Court's function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field. Nonetheless, the limitations applied must not restrict the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 § 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see Lupeni Greek Catholic Parish and Others, cited above, § 89, with further references)".*

Tosserva wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat tal-Istat** deċiża fis-26 t'April 2022 fejn il-Qorti qalet:

*Il-Qorti tgħid biss li t-tħaddim tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jiddependi minn ċerti kundizzjonijiet ċari u espressi mil-liġi nnifisha u dawk il-kundizzjonijiet jaqgħu fid-diskrezzjoni mogħtija lil-leġislatur u jikkostitwux ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq.*

Kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Reuben Micallef v Avukat tal-Istat** deċiża fit-12 ta' Lulju 2023 fejn il-Qorti qalet:

*19. Ir-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta li m'għandux aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Skont l-Art 8 tal-Kap. 537 m'għandux jedd li l-każ tiegħu jistema' quddiem dik il-Qorti. Ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti għaliex il-każ tiegħu ser jinstema' u jiġi determinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-dritt fundamentali ta' aċċess għall-qorti ma jfissirx li hu xi dritt assolut li tidher quddiem*

*qorti partikolari. Quddiem liema qorti għandu jinstema' l-każ tar-rikorrent hi kwistjoni ta' liġi ta' proċedura.*

**Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent.**

**GĦALDAQSTANT, din il-Qorti, wara li semgħet il-provi tal-partijiet u fliet l-atti u kkunsidrat is-sottomissjonijiet magħmula u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali limitatament għat-tielet talba tar-rikorrent u konsegwentament tiċħad it-tielet talba tar-rikorrent, u tiċħad l-eċċezzjoni fil-kumplament.**

2. **Tiddisponi mill-eċċezzjonijiet l-oħra kif hawn fuq sollevat u konsegwentament tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent.**

3. **Tordna illi kopja ta' din id-deċizjoni tintbgħat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex tiġi inserita fil-proċess bl-Att t'akkuża 6/2014 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Terence Cini, partikolarment sabiex dik il-Qorti tieħu konjizzjoni tagħha wara d-digriet tagħha tat-30 ta' Awissu 2022.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tar-rikorrent.**

Ian Spiteri Bailey
Onor. Imħallef

Amanda Cassar
Deputat Reġistratur